MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Numru 560/2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

Vs

Michael Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 538379(M), akkuzat talli:
1. Nhar it-13 ta’ Gunju 2007 ghall-habta ta’ l-4.20p.m. fi Mdina Road Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ Saviour Farrugia f’periklu car, ikkagunalu griehi ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifika Dr. Kenneth Muscat MD, (skond l-Art. 214, 216, 222(1a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta’ naturi hfief fuq il-persuna ta’ Carmel Farrugia, skond kif

iccertifika Dr. Eric Scerri MD (skond l-Art. 221(1), 222(1a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè fil-bieb tar-residenza, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-dannu tas-sid Carmel Farrugia (skond l-Art. 325 (1d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Hebb ghal persuna ta' Saviour Farrugia u Carmel Farrugia sabiex jingurjahom, iddejaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni (skond l-Art.339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Volontarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied (skond l-Art. 339(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi skond l-Artikolu 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat ghal fini ta' piena l-Artikolu 214, 216, 222(1a), 221(1), 222(1a), 325(1d), 339(d), 339(dd) u 17 tal-Kap. 9 u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------